# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, il-Hamis 21 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 24.**
**Citazz. Nru. 1952/00 JRM**

**DIRETTUR tal-KUNTRATTI**

**vs**

**GENERAL CLEANERS Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fl-1 ta' Settembru, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi fid-19 ta' Awissu 1996, is-socjeta' konvenuta intrabtet li tipprovdi servizzi ta' "housekeeping, cleaning and ancillary services" permezz ta' offerta wara l-hrug ta' sejha ta' offerti

mill-attur li giet ippubblikata fil-gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Lulju, 1996, Avviz Nru. 501/96, dok. CSD1;

Illi l-ittra ta' accettazzjoni relattiva nharget mill-attur fil-21 ta' Awissu 1997 u fl-24 ta' Ottubru 1997, dok. CSD2, dok. CSD3 rispettivament;

Illi sussegwentement is-socjeta' konvenuta naqset li twettaq l-obbligi kuntrattwali minnha assunti fosthom li hija naqset li tissupplixxi impjegati bizzejjed kif hija kienet obbligat ruhha li taghmel fl-offerta fuq citata;

Illi wara diversi interpellazzjonijiet minn naha ta' l-attur lis-socjeta' konvenuta biex hija tottempora ruhha mal-obbligi kuntrattwali, ghal liema interpellazzjonijiet is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti, fid-19 ta' Settembru 1997, l-attur ittermina l-kuntratt abbazi ta' l-artikolu 23 subinciz (a) tal-General Conditions of Contract for the Execution of Work in Malta, dok. CSD4;

Illi l-attur sofra danni kbar minhabba l-inadempjenza tas-socjeta' attrici billi huwa kellu jdur fuq oblatur iehor b'offerta aktar gholja minn dik tal-konvenut, liema danni jammontaw ghal wiehed u sittin elf lira maltin, hames mija disgha u tmenin lira, disgha u ghoxrin centezmu (Lm61,289.29);

Illi abbazi ta' l-artikolu 23 subinciz (b) tal-General Conditions of Contract, is-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur;

Illi ghal darb'ohra s-socjeta' konvenuta giet interepllata diversi drabi biex tottempora ruhha izda hija baqghet inadempjenti, dok. CSD5 u dok. CSD6 rispettivament;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-agir tas-socjeta' konvenuta huwa irresponsabbli stante li naqset li twettaq l-obbligi minnha assunti;

2. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta konsegwentement responsabbli ghad-danni kkawzati mill-attur bit-terminazzjoni tal-kuntratt;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l- ammont ta' wiehed u sittin elf lira maltin, hames mija disgha u tmenin lira, disgha u ghoxrin centezmu (Lm61,589.29c) jew somma verjuri ohra hekk stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni abbazi ta' l-artikolu 23 sub-artikolu (b) tal-General Conditions of Contract;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Marzu 1998, u 28 ta' Lulju 2000 bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mal-hames (5) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet taghha tad-9 t'Ottubru, 2000, li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghat-30 ta' Novembru, 2000;

Rat li l-kumpannija mharrka, notifikata kif imiss b'kopja tac-Citazzjoni u tal-Avviz tas-Smigh, fid-19 t'Ottubru, 2000 [pagna 26 tal-process], naqset li tressaq Nota tal-eccezzjonijiet fiz-zmien moghti lilha mil-ligi jew li b'xi mod tikkontesta t-talbiet tal-attur jew li mqar tidher quddiem il-Qorti kull meta l-kawza kienet imsejha, u b'hekk waqghet kontumaci;

Rat ix-xhieda tal-attur imressqa b'Affidavit tieghu fit-13 ta' Frar, 2001 [pagna 33 sa 34 tal-process];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degriet taghha tal-10 ta' Mejju, 2001, li bih laqghet talba tal-attur biex issir bidla f'cifra miktuba fl-Att tac-Citazzjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attur;

Rat id-Degriet taghha tal-10 ta' Mejju, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-kumpanija mharrka naqset li twettaq l-obbligi li hija kienet intrabtet li thares meta nghatat *tender* biex tipprovdi servizzi ta' tindif fl-Isptar San Luqa, u li taghmel tajjeb ghall-hsara mgarrba mill-attur minhabba n-nuqqasijiet taghha;

Illi l-hrug tat-*Tender* sehh fis-Sajf tal-1996 [Ref. 501] u l-kumpannija mharrka kienet ressqet l-offerta taghha fid-dsatax (19) t'Awissu, ta' dik l-istess sena [Dok. "CSD1", f'pagni 5 sa 18 tal-process]. Ta' min jghid li, fil-formola li mtliet mill-kumpannija mharrka meta ressqet l-offerta taghha, kien hemm tismija tal-kundizzjonijiet kollha tat-*tender*, li huma mfissrin taht it-titolu "*General Conditions of Contract for the Execution of Works in Malta*";

Illi l-offerta tal-kumpannija mharrka giet accettata mill-attur fil-wiehed u ghoxrin (21) t'Awissu, 1997 [Dok. "CSD2", f'pagni 19 u 20] ghal zmien ta' sena minn dak inhar;

Illi l-kuntratt intemm mill-attur fid-dsatax (19) ta' Settembru, 1997, b'effett mill-21 ta' dak l-istess xahar, u dan minhabba li l-kumpannija mharrka tqieset li kisret il-kundizzjonijiet tat-*tender* [Dok. "CSD3", f'pagna 21];

Illi, kif intwera minn dokumenti li tressqu waqt is-smigh tal-kawza [Dokti "CC2" sa "CC4" f'pagni 37 sa 39] in-nuqqas tal-kumpannija mharrka kien jikkonsisti filli kienet tibghat ghadd wisq anqas ta' nies biex jaghmlu t-tindif fis-swali tal-Isptar milli kien mehtieg;

Illi l-kumpannija mharrka kienet imwiddba izjed minn darba bil-miktub mill-awtoritajiet medici, izda l-qaghda ma jidhirx li tjiebet. Sakemm f'laqgha li saret fit-tmintax (18) ta' Settembru, 1997, il-Kumitat tal-Kuntratti Generali qataghha li jtemm il-hatra tal-kumpannija mharrka u li jaghti t-*tender* lil kumpannija ohra [Dok. "CC5" f'pagna 40];

Illi, fil-fatt, it-*tender* inghata lil terzi bis-sahha ta' ittra datata l-erbgha u ghoxrin (24) t'Ottubru, 1997 [Dok. "CC6", f'pagna 42], u dawn kienu accettati b'offerta oghla ta' elf mitejn u wiehed u disghin lira u tmintax-il centesmu (Lm1291.18) kull gimgha;

Illi fost l-effetti mahsuba fil-kondizzjonijiet tat-*tender* ghal min jieqaf milli jwettaq dak li jkun inhatar jaghmel hemm dawk imsemmija fil-klawsoli 23, 24, 25 u 28 tal-Kundizzjonijiet Generali [pagna 18 tal-process];

Illi, kif isemmi l-attur innifsu fl-Att tac-Citazzjoni, il-hsara li qieghed jghid li garrab minhabba n-nuqqas tal-kumpannija mharrka jikkonsisti fl-infieq zejjed li kellu jidhol ghalih meta qabbad lil kuntrattur iehor li kien qieghed jitlob hlas oghla ghall-istess xoghol;

Illi din it-talba taqa' sewwasew fil-limiti tal-klawsoli 23(b) u 25 fuq imsemmija;

Illi l-ammont ta’ hsara mitlub mill-attur sa minn qabel ma fetah din il-kawza huwa ta’ Lm61,289.29c, ghal liema talba l-kumpannija mharrka naqset li tottempera ruhha [Dok. “CSD4”, pagna 22];

## *Ikkunsidrat:*

Illi t-thassir tal-kuntratt moghti lill-kumpannija mharrka sar bil-hniena tliet gimghat wara li beda, izda jidher li kien dettat minn nuqqas konsistenti min-naha tal-istess kumpannija li ma baghtitx ghax-xoghol ghadd xieraq ta’ impjegati kif kienet intrabtet li taghmel qabel ma giet maghzula;

Illi, mill-ammont ta’ zmien li ghadda sa ma twaqqfet, johrog car ukoll li l-kumpannija mharrka lanqas kienet ghadha wettqet imqar ghaxra fil-mija (10%) tax-xoghol li tqabbdet taghmel”: ferm inqas mill-kwota ta’ sebghin fil-mija (70%) mfassla bhala limitu biex l-attur jsejjah favur tieghu ir-rata ta’ penali msemmija fil-klawsola 25;

Illi fid-dawl ta’ dan kollu, il-Qorti ssib li, mill-provi mressqin, l-attur kellu kull jedd li jtemm il-hatra moghtija lill-kumpannija mharrka, u dan sar bi qbil ma’ dak li jipprovdi l-artikolu 1640 tal-Kodici Civili;

Illi jifdal li jinghad biss li fis-seduta tal-10 ta’ Mejju, 2001, l-attur talab li l-izball tal-pinna fil-hames paragrafu tac-Citazzjoni dwar l-ammont mitlub jissewwa billi jigi jaqbel mal-ammont muri f’cifri. Ma ressaqx l-istess talba dwar l-ammont miktub fit-tieni talba;

Illi, madankollu, jidher car u bla ebda xkiel li l-ammont veru li l-attur qieghed jitlob huwa dak muri bhala cifri, ukoll ghaliex intwera li dan kien l-ammont li ntalab sa minn qabel ma nfethet il-kawza, u ghaliex l-attur jiddikjara bil-gurament li, minkejja l-

ghadd ta' talbiet ghall-hlas, il-kumpannija mharrka naqset li twettaq imqar parti mill-hlas;

Illi, ghalhekk, ghall-finijiet tal-artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeghda tordna l-bidla tat-tieni talba fis-sens li, wara l-kelma "sittin" tizdied il-kelma "elf" kif sar band'ohra fl-Att tac-Citazzjoni waqt is-smigh tal-kawza;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-kumpannija mharrka:

**Tilqa' l-ewwel talba tal-attur** u tiddikjara li l-kumpannija mharrka naqset li twettaq dak li ntrabtet li taghmel skond il-kuntratt tal-appalt;

**Tilqa' t-tieni talba attrici**, u tiddikjara li t-thassir tal-kuntratt min-naha tal-attur kien misthoqq u li l-kumpannija mharrka hija responsabbli ghall-hsara mgarrba mill-attur;

**Tilqa' t-tielet talba attrici** u tikkundanna lill-kumpannija mharrka thallas lill-attur is-somma ta' wiehed u sittin elf, hames mija u disgha u tmenin liri maltin u disgha u ghoxrin centesmu (Lm61,589.29c) rappresentanti ammont likwidat ta' danni mgarrbin mill-attur minhabba n-nuqqasijiet fuq imsemmija; u

Tikkundanna lill-kumpannija mharrka thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

## Moqrija

*21 ta' Gunju, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Gunju, 2001.**